



Brussell, 9 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13506/21

ENV 812
FIN 865
IND 314
CHIMIE 111
SAN 651
AGRI 518

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Novembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12961/21
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 12/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3822 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Novembru 2021.

Rapport Speċjali Nru 12/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 12/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE" ("ir-rapport speċjali");
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali;
3. JAGĦRAF ir-rapport speċjali bħala kontribut f'waqtu għall-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-UE;
4. JIEĦU NOTA tal-fatt li filwaqt li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija naqsu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar deċennji, it-tniġġis jibqa' sfida sinifikanti, u joħloq riskji għas-saħħa taċ-ċittadini kif ukoll għall-ambjent, inkluż il-bijodiversità;
5. JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas biex tiġi evitata l-ħsara ambjentali u jiġi żgurat li min iniġġes jinżamm responsabbli mit-tniġġis li jikkawża; JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ispejjeż tal-ħsara għall-ilma, il-ħamrija u l-ekosistemi;

¹ 7515/00 + COR 1.

6. JAGĦRAF li l-Prinċipju ta' Min Iniegges Iħallas huwa rifless u applikat f'livelli differenti fil-politiki ambjentali differenti tal-UE u fi Stati Membri differenti; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Prinċipju ta' Min Iniegges Iħallas u li tittejjeb il-konsistenza tal-applikazzjoni tiegħu sabiex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-ilma u l-ħamrija; JENFASIZZA l-importanza li jiġu indirizzati s-sustanzi perikolużi, filwaqt li jitqiesu s-sustanzi kimiċi ta' tħassib attwali, emerġenti u ġodda, kif xieraq;
7. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi l-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ambjent, kif tinsab fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew², il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero³, l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà⁴ u inizjattivi relatati; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali f'dan ir-rigward;
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura l-applikazzjoni tal-Prinċipju ta' Min Iniegges Iħallas, li fuqu għandha tkun ibbażata l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent u li għandu jkun integrat fil-politiki u l-attivitajiet l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u fl-istrumenti ta' finanzjament tagħha, u biex tiżgura li s-setturi li jniġġsu jikkontribwixxu bis-sehem rispettiv tagħhom; F'dan il-kuntest JENFASIZZA r-rilevanza tar-responsabbiltà tal-produttur tul il-ktajjen tal-valur globali u ċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra approċċi bħal dawn fi proposti leġislattivi futuri, fejn applikabbli; JISĦAQ fuq l-importanza li kwalunkwe proposta leġislattiva tiġi akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt skont il-prinċipji maqbula ta' Regolamentazzjoni Ahjar⁵;

² 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 final.

³ 8753/21 + ADD 1 - COM(2021) 400 final.

⁴ 11976/20 + ADD 1 - COM (2020) 667 final.

⁵ Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

9. JIEĦU NOTA tad-diffikultajiet biex jiġi applikat il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas fil-każ ta' tniġġis li joriġina minn sorsi diffużi; madankollu, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-ambitu għat-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas fir-rigward tat-tniġġis diffuż tal-ilma mis-sorsi kollha, inkluż minn sorsi agrikoli;
10. JISĦAQ fuq ir-rwol importanti tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas fl-istabbiliment ta' politiki tal-ipprezzar, bħall-politiki tal-ipprezzar tal-iskart u tal-ilma, biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ispejjeż għall-immaniġġjar tal-iskart u tas-servizzi tal-ilma b'mod effiċjenti u ġust;
11. JAGĦRAF li bħalissa hemm diversi direttivi u regolamenti tal-UE li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tat-tniġġis tal-ħamrija, iżda ebda qafas leġiżlattiv sovrastanti tal-UE għall-protezzjoni kontra t-tniġġis tal-ħamrija;
12. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrifletti sew il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fl-istrateġija li jmiss dwar il-ħamrija, kif ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, u li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rettifikata fis-sors;
13. JIEĦU NOTA li l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD) tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; JILQA' l-pubblikazzjoni tal-gwida tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' "ħsara ambjentali"⁶, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda fin-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL), bil-għan li tiġi kondiviża l-esperjenza f'dan ir-rigward;

⁶ [Linji gwida tal-Kummissjoni li jipprovdu fehim komuni tat-terminu "danni ambjentali" kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali 2021/C 118/01, C/2021/1860, \(ĠU C 118, 7.4.2021, p. 1–49\).](#)

14. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tevalwa, sal-2023, l-adegwatezza tal-ELD għall-iskop tagħha u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra, fl-evalwazzjoni tagħha tal-ELD u l-atti ta' implimentazzjoni assoċjati, l-iżvilupp tal-kriterji tal-ELD għad-definizzjoni tal-ħsara ambjentali li għaliha għandha tapplika l-ELD, speċjalment fir-rigward tal-ilma u l-ħamrija;
15. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex teżamina l-ambitu għal bidliet leġiżlattivi biex ikun meħtieġ l-użu ta' sigurtà finanzjarja għar-riskji ambjentali għall-operaturi;
16. JIEĦU NOTA tal-fatt li l-fondi tal-UE ntużaw biex jitnaddaf it-tniġġis orfni; JINNOTA li kultant huwa inevitabbli li jintużaw fondi pubbliċi biex jitneħħa t-tniġġis orfni sabiex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
17. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-użu ta' fondi pubbliċi nazzjonali u fondi tal-UE għall-finanzjament tat-tindif tat-tniġġis ikun bil-kondizzjoni li jkunu ttieħdu l-passi kollha meħtieġa biex min iniġġes jintalab iħallas għat-tniġġis li għalih ikun responsabbli; madankollu, JISSOTTOLINJA li dan m'għandux iwassal għal tnaqqis tal-fondi tal-UE biex tiġi indirizzata d-degradazzjoni ambjentali jew biex tiġi ttestjata soluzzjoni innovattiva f'dan ir-rigward, fejn ikun ġustifikat.
